MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 553/2014

**P.J. Sutters (Marketing) Limited (C35984)**

**vs.**

**Emanuel Schembri K.I. 442464 (M)**
**u martu Monica Schembri K.I. 102162(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-12 ta' Awwissu 2014, illi permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenuti l-ħlas tas-somma ta' elf, mija u sitta u tmenin Ewro wieħed u disgħin ċenteżmu (€1186.91) liema somma tirrappreżenta bilanċ tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenuti, li minkejja li ġew interpellati diversi drabi sabiex iwettqu l-ħlas baqgħu inadempjenti.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti ġew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawża fit-

terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehru għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ elf, mija u sitta u tmenin Ewro wieħed u disgħin ċenteżmu (€1186.91), bl-imgħax legali dekorribbli mill-5 ta’ Novembru 2013, li hija d-data tal-aħħar konsenja, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, huma a kariku tal-konvenuti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------